**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 10

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 05 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 09

10.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-disa laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

10.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

10.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku stqarr li ltaqgħa ma' l-uffiċjali tad-dipartiment tal-kura primarja fejn ġiet diskussa l-possibilta li tinfetaħ berġa tal-Gvern darba fil-ġimgħa għal sagħtejn fil-binja tal-kunsill. Is-Sur Dalli kompla jgħid li dawn l-uffiċjali ġew il-kunsill u raw il-post u kull ma talbu huwa l-parti tal-kamra t'isfel li kieku jużaw biex joqgħodu fiha, l-kunsill għandu jagħlaqha bi bibien *sliding* għal privatezza. Din hija spiża li huma lesti jikkumpensaw lil kunsill tagħha. Dawn l-uffiċjali għandhom imexxu din it-talba mal-awtorijietajiet tas-saħħa biex tinfetah berġa bħala parti mill-binja tal-kunsill.

10.3.2 Is-Sindku kkonferma li l-*weekend break* li ġie diskuss fis-seduta li għaddiet huwa skedat li jsir fit-13, 14 u 15 ta' Marzu 2020 fi *Paradise Bay Hotel* fiċ-Ċirkewwa. Għal din l-attivita l-Kunsill ser ikun qed jissussidja l-ħlas għat-trasport biss u l-kumplament tal-ħlas irrid jingħata mir-residenti li huma nteressati japplikaw. Is-Sur Dalli żied jgħid li fil-jiem li ġejjien ser jiġi ppreparat avviż bid-dettalji relatati u jitqassam fid-djar kollha madwar ir-raħal għal nofs Frar. Residenti għandhom ċans japplikaw sa l-aħħar ta' Frar.

10.3.3.1 Is-Sindku qal li huwa riċenti ltaqgħa ukoll ma' spettur tas-sanita għaliex kien hemm ilment dwar problema ta' *leakage* u dranaġġ fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, fil-parti ta' wara l-boċċi klabb. Is-Sur Dalli spjega li din mhux l-ewwel darba li kien hemm rapporti ta' leakage u dranaġġ u hemm bżonn li din il-problema tissolva. Peress li l-ġnien maqsum bejn diversi entitajiet u kull entita hija responsabbli li tieħu ħsieb il-parti tagħha, l-ispettur tas-sanita ta parir lis-Sindku biex isejjaħ laqgħa mal-entitajiet kollha fostom l-boċċi klabb, tat-tennis u s-sid tal-bar.

10.3.3.2 Huwa qed jissuġġerixxi dan biex il-kunsill jikseb aċċess tal-kuntratti kollha li għandhom dawn l-entitajiet u tiġi ċċaratha ir-responsabbilta li kull entita għandha fil-manteniment tal-ġnien u eżattament liema parti hija nkarigata li tieħu ħsieb. Skond l-ispettur tas-sanita jekk il-kunsill jakwista l-kuntratti kollha jkun jista jidentika aħjar min huwa responsabbli għal problema u tiswija tad-dranaġġ.

10.3.4 Is-Sur Dalli qal li fil-jiem li għaddew huwa ltaqgħa ukoll mas-Sur Ivan Farrugia minn Ambjent Malta fejn talbu għal għajnuna u parir dwar kif il-kunsill jista jtejjeb l-ambjent fil-lokal. Is-Sindku talab għal l-għajnuna: (1) biex titjieb il-qagħda tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv u biex dan il-ġnien jerġgħa jingħata l-ħajja, (2) biex tisbieħ l-akwata ż-żgħira li hemm bis-siġar quddiem il-knisja tal-Mirakli u (3) kif ukoll talab għal parir ta' x'tip ta' siġar jistgħu jinżergħu fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, speċjalment fejn hemm konok li fihom ma hemmx siġar. Ambjent Malta għandha tibgħat lil xi nies tekniċi biex tassisti lil kunsill dwar dan.

10.3.5 Is-Sindku nforma li saret laqgħa mas-Supretendent mid-distrett tal-Pulizija nkarigat fuq Ħal Lija dwar is-sigurta fir-raħal. Din hija laqgħa li ssir fuq bażi regolari biex isservi ta' monitraġġ fuq il-bżonnijiet essenzjali ta' sigurta li għandu bżonn ir-raħal.

10.3.6.1 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħlijiet ta' *re-surfacing* li ser issiru mminenti fi Triq Sir Ugo Mifsud fejn qal li dakinhar tal-laqgħa stess iltaqgħa fit-triq ma' żewġ periti, wieħed minn Infrastructure Malta u ieħor minn WSC. Is-Sindku spjega kif it-triq ser tkun qed tigi *re-surfaced* kollha minn fejn l-istatwa ta' San Pawl sa Naxxar Road, inkluż il-

Housing Estate. Apparti r-*resurfacing* tat-triq ser jinbdlu ukoll il-pajpijiet tal-ilma u l-*connections* tad-djar kollha u kif ukoll ser isir qlugħ u tranġar tal-bankini mill-ġdid.

10.3.6.2 Is-Sur Dalli qal li preżenti waqt dan il-*meeting* kien hemm anke xi residenti li huma abitanti f'din it-triq u dawn tkelmu fejn qajmu diversi punti dwar kif dawn ix-xogħlijiet jikkonċernaw lilhom u jafu jaffetwahom b'mod negattiv.

10.3.6.3 Fost dawn ir-residenti li kienu preżenti hemm min qed joġġezzjona għaliex quddiemu hemm l-bankina eżistenti bil-kurduna tal-qawwi, magħmulha miż-żonqor li dawn ma jriduhx li tinbidel. Is-Sindku żied jgħid ukoll li jaf jirriżulta li jitneħħew xi parkeġġi minħabba li l-bankini l-ġodda jridu jsiru b'ċertu qies u wiesgħa.

10.3.6.4 Problema oħra hija li l-bankini eżistenti bħalissa li hemm fi Triq Sir Ugo Mifsud huma magħmula bil-*creed print*. Is-Sindku qal li Infrastrucutre Malta ma tagħmilx bankini bil- *creed print* u għalhekk il-bankini li ser jinqagħlu ser jerġgħu jsiru bil-konkons u mhux bil-*creed print*. Il-perita ta' Infrastrucutre Malta ser terġa tikkonferma dan mat-tender tax-xogħlijiet li hija għandha.

10.3.6.5 Is-Sindku qal li bankina bil-*creed print* hija ferm isbaħ minn bankina bil-konkons. Il-problema hija li hemm ċertu partijiet mill-bankina fejn il-*creed print* inkisser u hemm bżonn jinbidel.

10.3.6.6 Għalhekk il-kunsill irid jiddeċiedi jekk mhux ser jagħti struzzjoni lil Perita ta' Infrastrucute Malta biex jew tibdel biss il-partijiet tal-bankini li għandhom il-*creed print* imkisser u jsiru bil-konkons jew inkella l-bankini jinqalgħu sħaħ u eventwalment issiru kollha bil-konkos. Fejn ser isir bil-konkos Infrastrucure Malta ser ikun responsabbli u fejn ser jibqa bil-*creed print* ser tkun ir-responsabbilta tal-kunsill.

10.3.6.7 Is-Sindku qal li dawn huma punti preokkupanti u peress li waqt li jkunu qed jitwettqu dawn ix-xogħlijiet fi Triq Sir Ugo Mifsud jaf jinqalgħu aktar inkonvenjenzi ta' natura kbira huwa enfasizza li jaf ikollu bżonn il-kunsens u l-parir tal-kunsill kollu. Is-Sur Dalli qal li f'każijiet bħal dawn huwa mhux ser jerfa r-responsabbilta waħdu u ser jinkludi lil kunsill kollu speċjalment fejn jinqalaw każijiet ta' materja urġenti biex flimkien tittieħed deċiżjoni finali ta' x'għandu jsir.

10.3.7.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-festival taċ-ċitru fejn qal li bħala l-ewwel festival li ġie mtella minn dan il-kunsill, dan kien wieħed ta' suċċess. Huwa qal li din l-attivita marret tajjeb ħafna għaliex il-larinġ kollu nħataf fi ftit siegħat. Kull min ipparteċipa f'din l-attivita għamel qliegħ tajjeb u s-Sindku qal ukoll li mill-kummenti tar-residenti dan il-festival intlaqgħa tajjeb ħafna u n-nies ħadu gost ħafna li sar fit-triq.

10.3.7.2 Is-Sindku qal li għal darboħra l-kunsill għandu fejn jimraħ aktar biex jittella festival akbar u tkun ħaġa sabiħa jekk forsi fil-futur jipparteċipaw aktar nies minn Ħal Lija stess u jesebixxu l-prodotti tagħhom relatati mat-tema taċ-ċitru.

10.3.7.3 Is-Sindku rringrazzja mill-qalb lil kull min ta sehmu biex itella dan il-festival fosthom il-kunsillera b'mod speċjali s-sur Calcedonio Cini li tah sapport kontinwu, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff Dorianne u Audrey u l-ħaddiema George u Bjorn tal-ħidma enormi tagħhom, lil *helpers* li kienu nkarigati mill-bejgħ tal-larinġ, lil għaqdiet, venditori u nies li taw is-servizz professjonali tagħhom u kif ukoll lir-residenti li urew interess u attendew.

10.3.7.4 Hawnhekk il-kunsillier is-Sur Calcedonio Cini ħass il-ħtieġa li mad-diskors tas-sindku bix-xieraq iżied jgħid proset kbira lis-sindku stess, għaliex huwa ddedikata ħafna mill-ħin tiegħu biex tiġi organizzata din l-attivita. Is-Sur Cini qal li s-sindku ħadem bil-kbir biex dan il-festival żgur ikun wieħed ta' suċċess u tista tgħid ħa ħsieb jikko-ordina dan il-festival bi preċiżjoni u dedikazzjoni massima.

## 10.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm pero s-Sindku qal li jekk hemm xi mistoqsijiet żgħar ma jsibx oġġezzjoni jweġibhom diment li huwa għandu risposta għalihom.

10.4.2 Il-Viċi Sindku għamel mistoqsija dwar ilment li huwa rċieva mingħand resident fuq parkeġġ ħażin u *bollard* fi Triq Carmelo Farrugia. Is-Sur Daniel Mallia staqsa jekk Sindku jekk jafx b'dan il-każ u biex jekk jista jagħti spjegazzjoni dwaru.

10.4.3 Is-Sindku kkonferma li hu huwa nfurmat sewwa dwar dan il-każ pero peress li n-natura ta' dan il-każ hija waħda daqsxejn twila, s-sindku qal lis-Sur Mallia biex din il-mistoqsija jagħmilha bil-miktub u jressaqha fis-seduta li jmiss.

10.4.4 Dan biex is-Sur Dalli jkollu ċans jiġbor l-informazzjoni korretta kollha bil-miktub relatata ma' dan il-każ u umbgħad jaġġorna lil kunsilliera biha, ħalli żgur ma jiggwida lil ħadd ħażin.

10.4.5 Kumbinazzjoni s-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija kienet ser titkellem fuq l-istess każ aktar tard f'parti 10.7 tal-laqgħa- *items* oħra ta'xogħol ieħor tal-kunsill u lmenti. Hija qalet li dan huwa każ li ilu għaddej minn żmien il-kunsill preċedenti u nfatti anke pprintjat ritratti dwar dan il-każ biex tispjega ruħha aħjar.

10.4.6 Hawnhekk is-Sindku waqqaf lis-sinjorina Lorraine Farrugia u reġgħa enfasizza li mhu ser iwieġeb l-ebda mistoqsija fuq dan il-każ qabel ma l-mistoqsija ssir bil-miktub kif suppost. Din il-mistoqsija għandha ssir bil-miktub mis-Sur Daniel Mallia u tintbgħat għall-attenzjoni tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qabel is-seduta li jmiss biex tkun tista tiġi mtella u diskussa.

## 10.5 Korrispondenza

10.5.1.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 0031/20 u xtaqet tkun taf fuq xix titratta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li residenta qed tikteb lil kunsill rigward karozzi li qed jgħaddu *wrong way* minn Triq Sant Andrija u jidħlu minn ħdejn il-każin. Is-Sinjorina Pamela Borg qalet li l-kunsill issa bidilha t-tabella tal-*one-way* u għamel waħda akbar li tidher aħjar pero mid-dehra xorta kien hemm xi okkażjonijiet fejn karozzi daħlu *wrong way*.

10.5.1.2 Is-Sur Cini qed jissuspetta li l-karozzi qed jidħlu *wrong way* mhux minn fejn il-każin imma jista jkun qed iduru ħazin kif jinżlu mill-isqaq ta' Sant Andrija. Huwa qal li jekk dan huwa minnu ma jistax jifhem għalfejn il-karozzi qed iduru *wrong way* għax anke qabel toħroġ mill-isqaq hemm tabelli li jindikaw li wieħed ma jistax jagħmel *right turn*. Is-Sindku qal jekk filkas navżaw lil gwardjana ħa tagħti titwila darba l'hawn u l'hemm.

10.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet x'inhi korrispondenza nru 0062/20 bl-isem 'Sir Ugo Mifsud street'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li resident kiteb lil kunsill biex ikun jaf meta ser tiġi *re-surfaced* triq Sir Ugo Mifsud.

10.5.3 Is-Sur Cini staqsa fiex wasalna fi korrispondenza nru 0084/20 – 'Wsc 386/19 – *Alley* 2 in Preziosi *street* Lija *Project* 4421.PDF'. Is-Sindku spjega kif il-kunsill qed jistinka biex jibdew ix-xogħlijiet fi parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2 u wasal fl-istadju fejn qed jistenna mingħand WSC biex joħorġu LA ġdida fuq il-kuntrattur il-ġdid li ġie *awarded* it-tender. Sa dan it-tant il-kuntrattur kellu jmur japplika għal *trench permit* mill-ġdid ma' TM u kif dan it-*trench permit* ikun approvat, li jaf jieħu massimu ta' ġimgħatejn, jista finalment jibda x-xogħol.

## 10.6 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

10.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill baqa ma sab lil ħadd li huwa eliġibbli biex jaqdi d-dmirijiet ta' skrivan fuq bażi part-time kif meħtieg. Il-Kunsill wettaq l-istadji kollha li huma mitluba jiġu mħarsa meta tibda proċedura ta' sejħa għall-impjieg.

10.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li din is-sejħa tibqa nseħħ u tibqa tiġi rreklamatha forsi sa fl-aħħar jinstab xi ħadd eliġibbli għal din il-kariga.

## 10.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

10.7.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' żewġ rapporti dwar manutenzzjoni ta' tabelli fir-raħal</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda żewġ rapporti li ġew mħejjija mill-Contracts Manager dwar il-bżonn ta' manutenzzjoni li hemm bżonn issir fuq xi tabelli fir-raħal. Kopja ta' dawn ir-rapporti ntbgħatu lil kunsilliera qabel il-laqgħa b'permezz ta'imejl.

10.7.1.2 Iż-żewġ rapporti juru li hemm ċertu tabelli fir-raħal li jew tkissru jew l-istampa tagħhom iċċarat u allura hemm bżonn jinbidlu mill-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija flimkien mas-sindku ser jieħdu ħsieb jiddeċiedu liema tabelli għandhom bżonn jinbidlu l-aktar urġenti.

10.7.1.3 It-tabelli fir-raħal li qed jiġu rrimarkati mill-*contracts manager* u li għandhom bżonn manutenzjoni ser jiġu mibdula bil-mod il-mod skond il-qagħda finanzjarja tal-kunsill. Il-Kunsill ser ikun dejjem infurmat bil-bdil tat-tabelli li ser ikunu qed isiru.

10.7.1.4 Il-Kunsill unaniment qabel li għandu jsir hekk.

10.7.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' żewġ rapporti dwar manutenzzjoni li hemm bżonn fil-ġonna</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda żewġ rapporti li ġew mħejjija mill-Contracts Manager dwar il-bżonn ta' manutenzzjoni li hemm bżonn issir fil-ġonna; fiċ-Ċentru Rikreattiv u fil-Ġnien tal-Mirakli. Kopja ta' dawn ir-rapporti ntbgħatu lil kunsilliera qabel il-laqgħa b'permezz ta'imejl.

10.7.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-Ġnien tal-Mirakli kull ma ġie rrimarkat huwa: il-bżonn li jinbidel it-tapit (*floor matting*) ta' l-art għax dan qiegħed perikoluż għat-tfal, jinżebgħhu l-gradi li jistgħu jsiru mill-ħaddiema tal-kunsill u tibdil fit-tabelli li hemm barra fl-entratura.

10.7.2.3 Fuq il-ġnien Ċentru Rikreattiv ġew irrimarkati ħafna affarijiet li huma ta' periklu u li fuqhom il-kunsill irrid jieħu azzjoni mmedjata. Il-*Contracts manager* irrimarka l-ambjent ta' dan il-ġnien bħala wieħed ħażin ħafna u qed jissuġġerrixi li l-kunsill għandu jara x'ser jagħmel dwaru għax huwa ħasra li jinsab fl-istat li hu.

10.7.2.4 Dwar dan is-Sindku spjega li kif semma aktar kmieni f'wieħed mill-punti li huwa qajjem fil-komunikazzjoni tas-sindku huwa qed jistinka billi jagħmel kuntatt ma' diversi entitajiet biex jgħinuh jerġa jagħti ħajja lil ġonna. Waħda minn dawn l-entitajiet hija Ambjent Malta. Għalhekk il-*contracts manager* għandu jiġi nnotifikat b'dan.

10.7.3.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapport fuq l-istat tal-Latrini li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport li ġie mħejji mill-*Contracts Manager* dwar il-bżonn ta' manutenzzjoni li hemm bżonn issir fil-latrina; fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Kopja ta' dan ir-rapport ntbgħat lil kunsilliera qabel il-laqgħa b'permezz ta'imejl.

10.7.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-*contracts manager* qed jirrimarka li l-kundizzjoni tal-latrina hija waħda gravi immens u mhux *up to standard* u l-kunsill irrid jieħu azzjoni mmedjata biex itejjeb il-qagħda ta' din il-latrina.

10.7.3.3 Is-Sur Dalli qal li huwa qed jiprova jġib *sponsor* mingħand l-MTA biex jiġu rranġati kemm il-latrina tal-ġnien u kif ukoll dik tal-pjazza u l-*contracts manager* għandu jkun nfurmat b'dan. Iż-żewġ latrini għandhom bżonn *refurbishment* kbira u din hija spiża li l-kunsill ma jiflaħx u għandu bżonn l-għajnuna.

10.7.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qed tissuġġerixxi biex pero alissa mqarr jinbidlu u jinxtraw affarijiet bażiċi li hemm bżonn bħal *hand sanitizers*, *toilet seats*, *toilet paper holders*, *hand driers* etc. Dwar dan is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija taf bi kumpanija li tista tagħti dawn l-affarijiet b'xejn bir-riklam tagħhom iżda bil-patt u l-kundizzjoni li l-kunsill umbgħad jixtri r-*refills* ta' dawn l-affarijiet mingħandhom.

10.7.3.5 Il-Kunsill qal li sa dan it-tant din hija idea tajba u għalhekk is-Sinjorina Lorraine Farrugia għandha tgħaddi l-informazzjoni ta' din il-kumpanija lis-segretarju eżekuttiv.

10.7.4.1 <u>Applikazzjonijiet sottomestti mill-għaqdiet relatati ma' l-iskema ta' għajnuna li ħareġ ir-Reġjun Ċentru u ħatra ta' bord biex japprova dawn l-applikazzjonijiet</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda sitt applikazzjonijiet minn għaqdiet differenti fejn kull għaqda qed tagħmel proposta skond il-bżonnijiet li għandha bżonn. Fost l-għaqdiet li applikaw kien hemm (1) Il-klabb tal-futbol, (2) il-każin Sant Andrija, (3) il-każin San Pio X, (4) l-għaqda tan-nar San Mikiel, (5) il-mużew tal-bniet u (6) il-mużew tas-subien.

10.7.4.2 Il-kunsillier is-Sur Donio Cini tkellem fejn qal li diment li r-Reġjun Ċentru mhux ser joħroġ din l-iskema b'mod kurrenti u jekk hija skema li ħa ssir darba biss, huwa ġust li l-ammont ta' elfejn ewro jinqasam indaqs bejn l-għaqdiet kollha li applikaw.

10.7.4.3 Is-Sindku qal li alissa jidher li ma hemm xejn li jindika li r-Reġjun Ċentru ser jerġa joħroġ din l-iskema għal darboħra. Huwa żied jgħid li bħala wieħed mir-rapreżentanti tal-kumitat tar-Reġjun Ċentru huwa ser jibqa jinsisti biex din l-iskema tibqa tkun waħda kurrenti. Dan biex b'hekk l-għaqdiet kollha jkollhom iċ-ċans li xi darba jibbenifikaw minn din l-iskema.

10.7.4.4 Is-Sindku spjega kif qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward liema applikazzjonijiet ser ikunu approvati jrid jinħatar bord tal-għażla. Is-Sur Dalli spjega kif min mill-kunsilliera huwa nvolut b'mod serju f'xi waħda mill-għaqdiet li applikat għal din l-iskema ma jistax ikun membru fuq il-bord minħabba xi kunflitti ta' interess.

10.7.4.5 Il-kunsill unanimament qabel li l-membri tal-bord li jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar l-approvazzjoni ta' dawn l-applikazzjoni għandhom ikunu s-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Daniel Mallia u s-Sinjorina Lorraine Farrugia. Is-Sinjorina Pamela Borg għandha ukoll tkun parti minn dan il-bord bħala segretarju.

10.7.4.6 Il-Bord għandu jiltaqgħa biex janalizza dawn s-sitt applikazzjonijiet u biex finalment tittieħed deċiżjoni dwar liema applikazzjonijiet ser ikunu approvati. Il-Kunsill ser jinżamm infurmat bid-deċiżjoni finali; meħudha mill-bord maħtur.

10.7.5.1 <u>Kunsiderazzjoni ta' kwotazzjoni għas-servizz tal -Acs fl-ufficċju</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazjzoni tal-kunsill kwotazzjoni għal *servicing* li hemm bżonn isir fuq l-Acs kollha ta' l-uffiċju.

10.7.5.2 Din il-kwotazzjoni ġiet approvatha mill-kunsill unanimament.

10.7.6.1 <u>Applikazzjoni ta' *Reserved parking Bay* fi Triq it-Tabor</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill applikazzjoni ta' *reserved parking bay* fi Triq it-Tabor għall-approvazzjoni tal-kunsilliera.

10.7.6.2 Is-Sindku qal li huwa mar fuq il-post biex jara min u fejn qed jagħmel it-talba għal din ir-*reserved*. Is-Sindku qal li bħala kummenti fuq din ir-*reserved* il-kunsill kiteb li skond informazzjoni li tat din ir-residenta meta ġiet mistoqsijha, hija m'għandix garaxx mad-dar.

10.7.6.3 Il-Kunsill qabel fuq dawn il-kummenti u din l-applikazzjoni ser tiġi mibgħtuha lil Transport Malta.

10.7.7.1 <u>Talba għall-mera fi Triq Massimiliano Debono</u>
Resident qed jagħmel talba biex issir mera fi Triq Massimiliano Debono għaliex ħafna drabi minn ikun ġej minn Triq Annibale Preca jidħol fin-naħa tat-triq l-ħażina u ma jindunax li hemm karozza oħra ġejja minn Triq Massimiliano Debono. Din it-talba ġiet spjega b'mod aktar elaborat mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

10.7.7.2 Il-Kunsill unanimemnt approva t-talba ta' din il-mera u għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

10.7.8.1 <u>Triq il-Mitħna (*Wire* tal-firdiferru, tabella)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv daret fuq is-Sinjorina Lorraine Farrugia biex hija tkun tista titkellem dwar xi periklu fi Triq il-Mitħna li għandu x'jaqsam ma' *wire* tal- firdiferru.

10.7.8.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat kif fi Triq il-Mitħna fejn it-*telephone box* hemm arblu tad-dawl li miegħu għandu kaxxa bi ħafna *wires* twal u mdendlin. Hija qalet li xi ħadd qata wieħed dawn il-*wires* it-twal u issa spiċċa ma' l-art fejn weħel ma' xi qatran li kien hemm fit-triq. Hija qalet li dan jaf ikun ta' periklu.

10.7.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat lil ħaddiema jaraw x'hemm u x'jista jsir. Is-Sindku għandu anke jmur fuq il-post ukoll.

10.7.8.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet anke fuq *stop sign* li qiegħda fuq arblu mawweġ fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Depiro Gourgion. Hija qed titlob biex dan l-arblu jiġi ddrittat u s-segretarju eżekuttiv għandha tibgħat lil ħaddiema fuq il-post biex jekk possibbli jirranġawh.

10.7.8.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia żiedet tgħid li ma' ġenb dan l-arblu hemm anke *spaction* fuq il-bankina perikoluza li għandha bżonn ftit siment għax qed tiċċaqlaq. Is-Sindku qal li dik aktarx hija *spaction* privata u għalhekk hija r-responsabbilta tar-resident. Għalhekk is-segretarju eżekuttiv se tieħu nota tan-numru tad-dar fejn qiegħda din l-*ispaction* biex tibgħat ittra bil-miktub lir-resident ħalli jieħu ħsiebha.

10.7.9.1 <u>Triq Carmelo Farrugia</u>
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia riedet titkellem dwar każ ta' parkeġġ ħażin u *bollard* fi Triq Carmelo Farrugia.

10.7.9.2 Kif ġie rrimarkat waqt din il-laqgħa, fil-parti nru 10.4 - Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera, is-sindku reġgħa spjega kif huwa jrid jaħsibha sew qabel ma' jitkellem aktar dwar x'qed jiġri fuq dan il-każ. Dan għaliex il-każ huwa wieħed daqsxejn twil u kkumplikat biex jiġi deskritt. Barra minn hekk is-Sindku jixtieq li jiġbor l-informazzjoni korretta kollha bil-miktub relatata ma' dan il-każ u umbgħad jaġġorna lil kunsilliera biha.

10.7.10.1 <u>Talba fi Triq Dun Karm Lia</u>
Residenta qed titlob bex isiru xi sinjali /linji fi Triq Dun Karm Lia biex hija tkun tista toħroġ mill-garaxx tagħha.

10.7.10.2 Is-Sindku qal li din ir-residenta għandha garaxx skuntrat u ma jirnexxilix toħroġ il-karozza meta jipparkjawlha ma' naħa minnhom tat-triq. Is-Sur Dalli qal li huwa mar fuq il-post fejn qal lis-sinjura biex toħroġ il-karozza ħalli huwa jkun jista jimmarka bl-i*spray* sinjal sa fejn vetturi oħra jistgħu jipparkjaw biex hija ma tiġix ostakulatha.

10.7.10.3 Is-Sindku żied jgħid li jidher li ma kienx hemm ilment minn residenti oħra li joqgħodu fl-akwata fuq dan is-sinjal li huwa għamel bl-ispray u għalhekk issa jista jsir biż-żebgħa. Huwa għandu jmur mal-ħaddiema fuq il-post meta dan isir.

## 10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

10.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 02 li kienet tinkludi l-ammont tal- *Petty Cash* ta' **€137.24** għax-xahar ta' Jannar.

10.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien ssekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

## 10.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

10.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li riċentament ma kienx hemm applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar ġodda alarmanti. Hija nfurmat biss lil kunsilliera li nhar it-Tlieta 11 ta' Frar fi 2:00pm ser jinżamm bord tas-smigħ dwar PA/07986/19 ta' 17 Mattina Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq Fernand Gregh Lija. Għal dan il-bord tas-smigħ ser tattendi t-*town planner* u ser iżżomm lil kunsill infurmat dwar il-każ.

10.9.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm xi aħbar fuq applikazzjoni PA/05079/19 ta' Triq il-Forn c/w Triq id-Dejqa, Lija. Is-Sindku nfurmaha li aktarx dik l-applikazzjoni ser tiġi *refused* pero sissa ma kienx hemm l-ebda aħbar ikkonfermata u lanqas ġdida dwar din l-applikazzjoni.

## 10.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

10.10.2.1 Is-Sur Donio Cini tkellem fejn qal li peress li l-applikazzjoni tar-restawr li ssottometta l-kunsill fuq l-istatwa ta' San Pawl ma ġietx klassifikata ma' dawk eliġġibli għal fondi, huwa qed jissuġġerixxi biex il-kunsill imqarr jieħu ħsieb ineħħi l-ħaxix minn ma' l-istatwa u jirranġalha wkoll id-dawl.

10.10.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

10.10.3.1 Bħala l-kunsillier responsabbli mid-delega tal-indafa, Is-Sur Cini qal li kif jaf kulħadd l-kunsill għandu kuntratt ġdid tal-knis bi skeda ġdida. Huwa spjega kif din l-iskeda ġiet ippreparatha mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv b'kunsultazzjoni mal-kuntrattur tal-knis.

10.10.3.2 Is-Sur Cini kompla jgħid li l-iskeda l-ġdida tal-knis ġiet inseħħ din il-ġimgħa u jidher li l-kuntrattur għaddej b'ritmu tassew tajjeb. Hawnhekk is-segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur alissa qed jimxi ma' din l-iskeda ta' knis bi prova u din l-iskeda mhux waħda fissa għall-aħħar. Kemm jista jkun l-kuntrattur ser ikun qed jimxi ma' din l-iskeda pero f'każ li huwa jsib xi diffikulta jew il-kunsill stess jixtieq jibdel xi ħaġa minnha, din l-iskeda tkun tista faċilment tinbidel.

10.10.4 Is-Sur Zahra rrapporta li fi Triq Ħalmann hemm il-ġrieden. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tgħaddi dan ir-rapport lis-Sanita biex jiġi jpoġġu l-velenu fit-triq.

10.10.5 Il-Kunsillier Joseph Zahra qal hija ħasra li Reġjun Ċentru qatt ma organizza festival jew spettaklu tan-nar li bih jgħaqqad l-irħula li jaqaw taħtu bħal ma ġieli ġie organizzat minn Reġjun Nofsinhar. Infatti s-Sinjorina Farrugia qalet li Ħal Lija hija waħda minn dawk l-irħula meqjusa li mhux dilettanta ħafna tan-nar. Is-Sindku qal li ser jieħu nota ta' dan u bħala wieħed mill-memebri tal-kumitat ser jgħaddi dan is-suġġeriment lil Reġjun Ċentru.

10.10.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Dun Ġużepp Tanti hemm *T sign* kollha msadda li għandha bżonn tinbidel. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan u ser iżżid din it-tabella mal-kumplament tal-lista ta' tabelli li għandhom bżonn manutenzzjoni.

10.10.7 Qabel intemmet il-laqgħa s-Sindku qal li s-seduta li jmiss hemm bżonn issir qabel it-28 ta' Frar biex jiġi approvat ir-rapport tal-*financial statements* relatat mal-audit 2019.

10.10.8 Il-laqgħa ntemmet fil-5:20pm.

10.10.9 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex issir fit-3:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Frar 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |